# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 474

KAZ NRU. 696

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Felix Zammit

u

Malta Hilton
kif rapprezentata minn
Anthony Buttigieg De Piro

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Jannar, 1993

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D

## INTRODUZZJONI

Illi dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal Industrijali b'ittra datata 6 ta' Awissu, 1992 mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani in vista tal-Artikolu 28 (2) tal-Kap 266 dwar Relazzjonijiet Industrijali fuq tkeccija allegatament ingusta.

Illi ghal dan l-iskop inzammu erba' (4) seduti li fihom l-appellant kien assistit mill-Avukat Dottor Karmenu Mifsud u John Mansueto, fil-waqt is-socjeta kienet assistita mill-Avukat Dottor Joseph J. Vella.

## STATEMENTS OF CASE

Illi l-appellant jissottometti li ghalkemm instabu fil-pussess

tieghu hamsa u tletin (35) helwa tal-Menta cioe' fil-karozza tieghu meta din kienet ipparkjata fil-'Company grounds', dan il-fatt biss ma kellux iwassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn mas-socjeta intimata permezz ta'tkeccija.

Illi da parti taghha, is-socjeta intimata tissottometti li l-fatt uniku biss li nstabu l-istess oggetti f'idejh minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-istess socjeta, kellu jwassal ghat-tkeccija ingusta tieghu. Il-minimita ta' l-oggett u/jew valur m'ghandiex tikkorrispondi mal-piena inflitta - il-Principju hu dak li hu.

<u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI TAL-PARTIJIET</u>

It-Tribunal jibda biex ighid li l-abili konsulent legali tal-partijiet ghamlu trattazzjoni intensa u esponew il-kaz tal-klijenti rispettivi taghhom bl-aktar mod erudi u kwalunkwe tifhir da parti ta' dan it-Tribunal huwa kollu kemm u superfluwu w unutli.

Illi l-kontestazzjoni unika, ta' l-appellant hija li l-piena u/jew kastig applikat mill-socjeta intimata kien esagerat fil-konfront tan-nuqqas ta' l-appellant. Mhux kontestat li anzi gie ammess illi kellu f'idejh helu ossia propjeta tas-socjeta impjegatrici, meta mhux suppost qeghdin ghandu. Il-kwantita u valur ta' l-istess helu huwa altru che minimu konsidrat it-tkeccija tieghu u cioe' il-konsegwenza ta' l-istess att ta' nuqqas. Veru kien hemm pussess illegali, li ma kelliex twasslu pero' biex jirrikorri quddiem dan it-Tribunal. L-ekwita' u l-gustizzja tirrikjedi altru.

Illi da parti taghha, is-socjeta intimata ghamlet minn dan il-kaz, Kwistjoni ta' principju. Il-persuna involuta, in vista tas-serq u/jew pussess illegali ta' oggett propjeta

taghha, kellha thallas ghalih bl-aktar kundanna ossis piena ezistenti bejn haddiem u min ihaddem cioe' it-tkeccija. Aktar u aktar illi in vista tal-Collective Agreement esibit fl-atti tal-process bejn l-istesssocjeta intimata u l-General Workers' Union, l-istess socjeta intimata kellha d-dritt fl-Artikolu 22 (f) 1 li - The following will be considered as just causes for instant suspension with pay pending investigation with the Union Reprezentatives which could lead to dismissal without the need to serve three written warnings:-

1. Stealing or unauthorised possesion of the Hotel's property.

Difatti l-istess hija ta' natura diskrezzjonarja a favur tas-socjeta intimata stess, cioe' fakoltattiva.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-Tribunal jippremetti illi dan mhux xi kaz facli biex jigi deciz. Di fatti, da parti ta' l-appellant, hemm l-ammissjoni tieghu li veru instabu dak l-imbierek helu fil-pussess tieghu, pero' s-socjeta intimata setghet tattribwilu piena ohra flok dik il-massima. Minn naha l-ohra, is-socjeta intimata tikkontendi li stante li hekk nstabu fil-pussess tieghu minghajr ma kien awtorizzat, allura invokat l-artikolu fuq citat li wasslet ghal konkluzzjoni tat-tkeccija, ancorche minghajr ebda relativita ghal kwantita/valur ta' l-oggett 'de quo'.

Illi s-socjeta intimata preferit ghad-Decizjoni Nru.165 mogtija fit-23 ta' April, 1984 fil-Kaz Nru. 230 fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Charles Calleja u Dolman Hotel Company Limited. Pero' il-fattispecie tal-kaz, anke kif l-appellant inqabad in 'flagrante delicto' huwadifffferenti.

.../4

L-istess jista jinghad ghal Decizjoni Nru.259 moghtija fil-Kaz Nru. 338 fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn il-General Workers' Union ghan-nom ta' Paul Mifsud u Thomas de la Rue (M) Ltd. moghtija fid-29 ta' Jannar, 1986. F'dawn iz-zewg kazijiet, ghalkemm l-appellanti cahdu l-htija, mill-provi rrizulta l-invers.

Illi kif irrizulta fl-invers pero' f'dan il-kaz, l-innocenza ta' l-appellanti. Fid-Decizjoni Nru. 326, moghtija fil-kazijiet Nri. 450 u 451 fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Paul Farrugia u Sebastian Zammit, u St. George's Flour Mills, it-Tribunal obiter enuncja s-segwenti "- Anke kieku l-provi kienu jnehhu kull dubju ta' serq, cioe' ta' zewg boroz dqiq, it-tkeccija mill-impjieg hija kastig sproporzjonat ma' l-akkuza".

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi kwalunkwe serq u u/jew pussess illegali ta' propjeta ta' tezi ghandu ikun kundannat, u mhux kondonat. Li ma hemmx qbil huwa dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-appellant. Is-socjeta intimata pprezentat il-kaz taghha bhala dak il 'casus classícus' ta' principju li fuqhu ma ghandux ikun hemm l-ebda diverġenza. F'dan is-sens it-Tribunal jaqbel mat-tezi tas-socjeta intimata illi kif formulat ɔl-Artikolu 22 (f), id-diskrezzjoni favur l-istess socjeta hija wahda pozittiva fis-sens li it-tkeccija ta' haddiem mhux wahda tassattiva u mandatorja, cioe' tista ma tkecciex haddiem. L-invers imur favur it-tezi ta' l-appellant - cioe' min jinqabad jisraq u/jew ikun f'pussess illegali ta' propjeta tal-kumpanija ipso facto, jitkecca.

Allura hawn jinghad - kienet gusta s-socjeta intimata meta ezercitat id-diskrezzjoni taghha u hadet id-decizjoni li tkecci lill-appellant? In-nuqqas ta' l-appellant si tratta fuq hamsa u tletin mustardina li spiccaw f'idejh permezz

ta' konsenja da parti tad-diversi 'chambermaids'. Huwa ovvju li kien ghal konsum personali - ma giet addebitata u wisq anqas ippruvata xi malizzjosita ta' kif spiccaw ghandu, u kif kienu qeghdin ghandu.

Illi t-Tribunal jaqbel jerga mat-tezi tas-socjeta intimata li affarijiet bhal dawn ma ghandhomx ikunu tollerati. Pero' lanqas ma jaqbel mal-kumplament tat-tezi taghha, fejn issottomettiet li minn dan il-kaz ghandhu jsir ezempju ghal haddiema l-ohra tal-kumpanija; wisq anqas ghal haddiema ta' kumpaniji terzi. Huwa principju sancit, li kull persuna tirrispondi u thallas ghal eghmilha u/jew nuqqas ta' eghmilha. M'ghandhex tirrispondi ghall-eghmil u/jew nuqqas ta' eghmil tas-socjeta kollha li nghixu fiha. Huwa sinjal tajjeb jekk il-haddiema l-ohra, kollegi ta' l-appellant, tghallmu xi haga u/jew servithom ta' lezzjoni mill-isfortuna ta' l-odjern appellant. Pero' se mai, din ghandha tieqaf hawn u mhux oltre.

Illi t-Tribunal huwa ghalhekk tal-ferma opinjoni illi t-tkeccija mill-impjieg hija ferm sproporzjonata man-nuqqas tieghu. It-tendenza anke fil-Kamp Kriminali, hija wahda aktar ta' riforma milli ta' retribuzzjoni. Wara kollox din hi tendenza moderna cioe' titghallem milli tpatti.

Illi pero' ma jistax ikun li l-appellant ma jhallas ghal eghmilhu. L-istess appellant misshu kien jaf aktar u gab ruhu ahjar. Mhux bniedem zghir - huwa ta' eta anzjana u ta' certu maturita u responsabbilita. It-Tribunal anzi jawgura li s-socjeta li tnaddmu ma telfitx ghal kolloz il-fiducja li kellha fih - ic-cirku tal-fiducja, ghalkemm inkisser, facilment jista jissewwa ghalhekk, in vista tas-suespost, it-Tribunal jiddeciedi li ghaz-zmien li ilu mkecci mix-xoghol u bla paga, cioe' mill-25 ta' April, 1992, l-appellant ghandu jigi konsidrat bhala sospiz mix-xoghol u bla hlas ta' l-ebda paga, u dan sallum 8 ta' Jannar, 1993 u fl-

istess hin jordna li l-istess appellant ghandu jerga jiddahhal ghax-xoghol b'effett mid-9 ta' Jannar, 1993.

**KONKLUZZJONI**

Illi t-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ta' John Felix Zammit ma kienitx wahda gusta da parti tal-Malta Hilton, jordna lill-istess socjeta biex terga ddahhal lura ghax-xoghol b'effett mid-9 ta' Jannar, 1993, b'riserva li ghaz-zmien mit-25 ta' April, 1992 sallum , il-perjodu li ilu barra, jigi konsidrat bhala wiehed ta' sospensjoni minghajr paga.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

**DRITTIJIET TA' HLAS**

Illi inoltre, in vista tas-servizz moghti miz-zewg konsulenti legali f'dan il-kaz, huma ghandhom jithallsu l-massimu permissibbli skond l-istess regolamenti ta' l-1986 dwar id-Drittijiet li jithallsu, li jassistu lill-partijiet.

Dr. Joseph P. Bonnici LL.D
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

rb